**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Matthew Spagnol]**

**vs**

**Garcia Cruz Jesus Victorino**

**Kumpilazzjoni Numru: 424/16**

**Illum, 12 ta' Awwissu, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Garcia Cruz Jesus Victorino detentur tal-karta tal-passaport Messikan G20120279.

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Awwissu 2016, għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30hrs) u/jew ħinijiet oħra, mill-fond La Maltija restaurant, Triq il-Klarissi, San Ġiljan:

1. ikkommetta serqa ta' kartiera sewda li kien fiha tlett (3) cards tal-bank, mobile phone ta' għamla Samsung, karta tal-identita`, u mitt Ewro (€100) flus kontanti, liema serqa hija kwalifikata bil- 'ħin' u bil-'valur', għad-detriment ta' Penelope Ann Deguara.

Akkuzat ukoll talli nhar il-11 ta' Awwissu 2016, għall-ħabta ta l-erbgħa ta' filgħoldu (04:00hrs) u/jew ħinijiet oħra, minn ġewwa l-istabbiliment 'Bar Native', Triq San Ġorġ, San Ġiljan:

2. ikkommetta serqa ta' handbag li kien fih mobile phone ta' għamla Huawei, u mitt Ewro (€100) flus kontanti, liema serqa hija kwalifikata bil-'ħin' u bil-'valur', għad-detriment ta' Milena Dicheva.

Akkuzat ukoll talli fi ġranet u ħinijiet oħra, f'dawn il-gżejjer:

3. ikkommetta serq ta' żewġ mobile phones, wieħed ta' għamla Huawei kulur iswed, u wieħed ta' għamla Samsung kulur iswed, liema serq hija kwalifikata bil-'valur' li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u wara li rat illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li parti mir-refurtiva giet restitwita lura, qed issib lill-imputat Garcia Cruz Jesus Victorino hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikoli 28A u 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti timponi r-restituzzjoni tal-hlas ghas-somma ta' mitt Ewro (€100) lil Penelope Ann Deguarau u mitt Ewro (€100) lil Milena Dicheva fi zmien tlett (3) ijiem mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**